Verżjoni Elettronika

A.L. 374 tal-2022

ATT DWAR L-AWTORITA TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI
(KAP. 623)

Regolamenti tal-2022 dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni
(A.L. 340 tal-2022)
(L.S. 623.08)

Avviż ta' Bidu ta' Applikabbilità għal xogħlijiet speċifiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17(2) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni u tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2022 dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni, il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-kostruzzjoni, stabbilixxa dan li ġej:

(a) is-16 ta' Diċembru 2022, bħala d-data li fiha r-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ u għandhom japplikaw għal kwalunkwe xogħlijiet hekk kif speċifikati fihom ħlief għax-xogħlijiet eżentati taħt is-Sitt Skeda, u x-xogħlijiet msemmija fil-paragrafi 3(a) u 3(b) tar-Raba' Skeda;

(b) id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3(a) u 3(b) tar-Raba' Skeda għandhom japplikaw fir-rigward ta' applikazzjonjiet għall-iżilupp preżentati lill-Awtorita' tal-Ippjanar mill-1 ta' Jannar 2023.